MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 87/2003

**Standard Publications Limited**

**Vs**

**Carlo Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm302.74c (tliet mija u zewg liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut lil Standard Publications Limited skond skrittura datata l-11 ta’ Marzu, 2002 u ffirmata mill-konvenut stess fejn permezz ta’ l-istess skrittura l-konvenut kien intrabat favur is-socjeta’ attrici fost affarijiet ohra fl-ammont ta’ Lm285.03c (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u tlett centezmi) bhala debitur ta’ dan l-ammont cert likwidu u dovut min-naha tieghu favur l-istess socjeta’ attrici, flimkien mal-interessi relattivi kif miftiehem fl-iskrittura,

liema ammonti l-konvenut baqa' ma hallasx ghalkemm diversi drabi interpellat.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------